

Brussell, 12 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8786/25
ADD 1

ENT 65
MI 295
COMPET 351
IND 137
SAN 206
ENV 318
INDEF 18

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 6 ta' Mejju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: D102503/3 ANNEX

Suġġett: ANNESS
tar-
REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...
li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati fil-fowms għat-tifi tan-nar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D102503/3 ANNEX.

Mehmuż: D102503/3 ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D102503/03
[...] (2025) XXX draft

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati fil-fowms għat-tifi tan-nar

ANNEX

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tizzied l-entrata li ġejja:

<p>‘... [OP jekk jogħġbok daħħal in-numru konsekuttiv li jmiss].</p> <p>Sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) definiti bħala: kwalunkwe sustanza li fiha mill-inqas atomu tal-karbonju wieħed kompletament fluworurat tal-metil (CF₃) jew tal-metilen (CF₂) (mingħajr ebda atomu ta’ H/Cl/Br/I marbut miegħu).</p>	<ol style="list-style-type: none">1. Ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq jew jintużaw minn ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] fil-fowms għat-tifi tan-nar f’konċentrazzjoni ta’ 1 mg/L jew aktar għas-somma tal-PFAS kollha.2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika:<ol style="list-style-type: none">(a) għall-aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS, C₈F₁₇SO₃X, għall-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS, u għall-aċidu perfluworożansulfoniku (PFHxS), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS, koperti mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021;(b) għall-aċidi perfluworo-karbossiliċi lineari u ramifikati tal-formula C_nF_{2n+1}-C(=O)OH fejn n = 8, 9, 10, 11, 12, jew 13 (C9-C14 PFCAs) inklużi l-imlieh tagħhom, u kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, ristretti skont l-entrata 68;(c) għall-aċidu undekafluworożanojku (PFHxA), l-imlieh tiegħu u s-sustanzi relatati mal-PFHxA, għall-użi ristretti skont l-entrata 79.3. Meta tkun qed tiġi determinata l-konċentrazzjoni tas-somma tal-PFAS kollha, is-sustanzi li għalihom tapplika d-deroga fil-paragrafu 2 għandhom jiġu inklużi fid-determinazzjoni.4. B’deroga mill-paragrafu 1, il-konċentrazzjoni ta’ PFAS fil-fowms għat-tifi tan-nar ħielsa mill-fluworu li joriġinaw mit-tagħmir li jkun tnaddaf f’konformità mal-aħjar tekniċi disponibbli, esklużi l-apparati tat-tifi tan-nar portabbli, ma għandhiex taqbeż il-50 mg/L għas-somma tal-PFAS kollha. <p>Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina din id-deroga mhux aktar tard minn ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].</p>
--	--

	<p>5. B'deroga mill-paragrafu 1, il-PFAS jistgħu jiġu introdotti fis-suq f'konċentrazzjoni ta' 1 mg/L jew aktar għas-somma tal-PFAS kollha:</p> <p>(a) sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] fil-fowms għat-tifi tan-nar fl-apparati tat-tifi tan-nar portabbli;</p> <p>(b) sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] fil-fowms għat-tifi tan-nar reżistenti għall-alkoħol fl-apparati tat-tifi tan-nar portabbli;</p> <p>(c) sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] fil-fowms għat-tifi tan-nar:</p> <p>(i) għall-istabbilimenti koperti bid-Direttiva 2012/18/UE. L-avjazzjoni ċivili (inklużi l-ajruporti ċivili) ma għandhiex tkun koperta minn din id-deroga;</p> <p>(ii) għall-installazzjonijiet li jappartjenu għall-industrija taż-żejt u tal-gass offshore;</p> <p>(iii) għall-bastimenti militari;</p> <p>(iv) għall-vapuri ċivili b'fowms għat-tifi tan-nar imqiegħda abbord qabel ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</p> <p>6. B'deroga mill-paragrafu 1, il-PFAS jistgħu jiġu jintużaw fil-fowms għat-tifi tan-nar f'konċentrazzjoni ta' 1 mg/L jew aktar għas-somma tal-PFAS kollha:</p> <p>(a) sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]:</p> <p>(i) għat-taħriġ u l-ittestjar, ħliet l-ittestjar funzjonali tas-sistemi tat-tifi tan-nar dment li r-rilaxxi kollha jkunu mraġżna;</p> <p>(ii) għas-servizzi pubbliċi tat-tifi tan-nar u s-servizzi privati tat-tifi tan-nar li jeżerċitaw il-funzjoni ta' servizzi pubbliċi tat-tifi tan-nar, ħliet meta daww is-servizzi jintervjenu fin-nirien industrijali fl-istabbilimenti koperti mid-Direttiva 2012/18/UE u għall-użu tal-fowms u tat-tagħmir għal dak l-iskop biss.</p> <p>(b) sal-31 ta' Diċembru 2030 fl-apparati tat-tifi tan-nar portabbli;</p>
--	---

(c) sa ... **[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]** għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-punt (c).

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-derogi skont il-punt (c) qabel tmiem il-perjodu ta' validità ta' dik id-deroga.

7. Minn ... **[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data [12]-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]** l-użu tal-PFAS fil-fowms għat-tifi tan-nar f'konċentrazzjoni ta' 1 mg/L jew aktar għas-somma tal-PFAS kollha skont il-paragrafu 1 u l-paragrafu 6, il-punt (c), għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. L-utent għandu:

- (a) jiżgura li l-fowms għat-tifi tan-nar jintużaw biss għan-nirien li jinvolvu likwidi f'ammabbli (in-nirien tal-klassi B);
- (b) inaqqas l-emissjonijiet fil-kompartimenti ambjentali u l-esponiment dirett u indirett tal-bniedem għall-fowms għat-tifi tan-nar għall-aktar livell baxx teknikament u prattikament possibbli;
- (c) jiżgura l-ġbir separat tal-istokk ta' fowms għat-tifi tan-nar mhux utilizzati u ta' skart li fih il-PFAS, inkluż l-ilma mormi, li joriġinaw mill-użu ta' fowms għat-tifi tan-nar, fejn ikun teknikament u prattikament possibbli, u jiżgura l-immaniġġjar tagħhom għal trattament adegwat b'tali mod li l-kontenut tal-PFAS jinqered jew jiġi trasformat b'mod irreversibbli;
- (d) jistabbilixxi "pjan ta' ġestjoni tal-fowms għat-tifi tan-nar li jkun fihom il-PFAS" speċifiku għall-post tal-użu tal-fowms għat-tifi tan-nar li jkun fihom il-PFAS li għandu jinkludi:
 - (i) dettalji tal-kundizzjonijiet tal-użu u l-volumi tal-fowms għat-tifi tan-nar fuq il-post, li jiddokumentaw kif il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) huma ssodisfati;
 - (ii) informazzjoni dwar il-ġbir u t-trattament adegwat skont il-punt (c);

- (iii) dettalji dwar it-tip u l-metodi ta' tindif u manutenzjoni tat-tagħmir;
- (iv) pjanijiet li għandhom jiġu implimentati f'każ ta' tnixxija/tixrid aċċidentali ta' fowm għat-tifi tan-nar inkluż, fejn rilevanti, id-dokumentazzjoni tal-azzjonijiet ta' segwitu;
- (v) strateġija għas-sostituzzjoni ta' fowms għat-tifi tan-nar li fihom l-PFAS b'fowms għat-tifi tan-nar mingħajr fluworu.

Il-pjan ta' ġestjoni għandu jiġi rieżaminat kull sena u jinżamm disponibbli għal mill-inqas 15-il sena għall-ispezzjoni, fuq talba, mill-awtoritajiet kompetenti.

8. Minn ... **[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data - 12-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**, il-fowms għat-tifi tan-nar li fihom il-konċentrazzjoni hija 1 mg/L jew aktar tas-somma tal-PFAS kollha, li jiġu introdotti fis-suq, esklużi l-apparati tat-tifi tan-nar portabbli, għandhom jiġu ttikkettati f'konformità mal-paragrafu 10. Sakemm l-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) ma jipprovdux/jipprovdux mod ieħor, it-tikketta għandha tinkiteb bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat(i) Membru/i fejn il-fowm tat-tifi tan-nar jiġi introdott fis-suq.
9. Minn ... **[OP: jekk jogħġbok daħħal id-data - 12-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**, l-utenti tal-fowm għat-tifi tan-nar li jkun fih il-PFAS għandhom jiżguraw lil-istokk ta' fowms għat-tifi tan-nar mhux utilizzat u l-iskart li jkun fih l-PFAS, inkluż l-ilma mormi, li joriġinaw mill-użu tal-fowms għat-tifi tan-nar, jkunu ttikkettati f'konformità mal-paragrafu 10 fejn il-konċentrazzjoni tas-somma tal-PFAS kollha tkun 1 mg/L jew aktar. Sakemm l-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) ma jipprovdux/jipprovdux mod ieħor, it-tikketta għandha tinkiteb bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat(i) Membru/i fejn l-istokk ta' fowms għat-tifi tan-nar mhux utilizzat u l-iskart li jkun fih l-PFAS, inkluż l-ilma mormi, li joriġinaw mill-użu ta' fowm għat-tifi tan-nar jiġi ġġenerat u se jkun trattat.
10. Għall-finijiet tal-paragrafi 8 u 9, it-tikkettar għandu jinkludi l-kliem li ġej: **“TWISSIJA: Fih sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) b'konċentrazzjoni ta' 1 mg/L jew aktar għas-somma tal-PFAS kollha”**. Din l-informazzjoni

	<p>għandha tkun immarkata b'mod viżibbli, leġibbli u li ma titħassarx.</p> <p>11. Għall-finijiet ta' din l-entrata, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:</p> <p>(a) "apparat tat-tifi tan-nar portabbli" tfisser apparat tat-tifi tan-nar iddisinjat biex jinġarr u jitħaddem bl-idejn li meta jkun qed jiffunzjona jkollu massa ta' mhux aktar minn 20 kg, f'konformità mal-istandard EN3-7; apparat tat-tifi tan-nar mobbli ta' mhux aktar minn 150 litru, f'konformità mal-istandard EN-1866; u apparat għat-tifi tan-nar f'forma ta' landa tal-isprej f'konformità mal-istandard EN-16856;</p> <p>(b) "fowm għat-tifi tan-nar" tfisser kwalunkwe taħlita għat-tifi tan-nirien bil-fowm u tinkludi iżda mhijiex limitata għall-konċentrati tal-fowm għat-tifi tan-nar u s-soluzzjonijiet tal-fowm għat-tifi tan-nar għall-produzzjoni tal-fowm;</p> <p>(c) "stokk ta' fowm għat-tifi tan-nar mhux utilizzat" tfisser fowm għat-tifi tan-nar li jkun għadu ma ntużax għat-tifi tan-nar."</p>
--	---